MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2004

Numru. 686/2003

PULIZIJA
SPETTUR J. MERCIECA
VS
JAMES GRIMA

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat James Grima, 28 sena,iben Nazzareno u Kurcifissa nee' Camilleri, imwieled Pieta' fil-5 ta' Mejju 1975, u li joqghod 274, Triq it-Torri, Mosta, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 249875(M), akkuzat talli b'diversi atti ukoll jekk maghmulin fi zmenijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda u cioe' talli fit-13 t'Awissu 2003, u /jew fil-jiem ta' qabel, fil-Koala Bar, Triq it-Tempesta, Bugibba xjentement ghex, ghal kollox jew f'parti, minn fuq il-qligh tal-prostituzzjoni ta' persuni ohra (Art 7(1) tal-Kap 63);

Talli zamm u/jew ezercita’ u/jew kellu sehem fl-ezercizzju ta’ burdell u/jew ta’ dar, hanut u/jew lokal iehor u/jew ta’ xi parti minnhom li huma ffrekwentati u/jew maghduda bhala lihuma ffrekwentati ghal skop ta’ prostituzzjoni u/jew ghal skopijiet ohra immorali (Art 8(1) tal-Kap 9).

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat il-verbal tad-9 ta’ Jannar 2004 fejn l-imputat ammetta ghall-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Illi fuq l-istess ammissjoni tieghu il-Qorti ssib lill-imputat hati skond l-akkuza u wra li rat l-Art 28A Kap 9, u Art 7 u 8(1) Kap 63 tikkundannah ghal sentejn prigunerija sospizi ghal erba’ snin.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------